# QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA

## (Sede Kostituzzjonali)

### ONOR. IMĦALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Seduta tal-lum l-Erbgħa 9 ta' Awwissu, 2023**

**Rikors Kostituzzjonali Nru.: 228/2023 MH**

**Numru: 1**

**Jason Zammit**

**Vs**

**L-Avukat Ġenerali u l-Avukat tal-Istat**

**Il-Qorti;**

Rat **ir-rikors Kostituzzjonali/Konvenzjonali tat-2 ta' Mejju, 2023** fejn ġie premess u mitlub kif ġej:_

*"Illi l-esponent tressaq il-qorti u ġie akkużat talli f'Lulju 2018 u fix-xhur ta' qabel ikkommetta miżappropriżazzjoni ta' erba' quad bikes li kellhom valur ta' iktar minn €2,329.27 u talli sar reċediv b'diversi sentenzi.*

*Illi permezz ta' sentenza tal-Qorti Tal-Maġistrati (Għawdex) Bħala Qorti Ta' Ġudikatura Kriminali tas-sebgħa u 20 ta' Jannar 2016 l-esponent instab ħati*

*ta' l-impkutazzjonijiet kollha u ġie kkundannat għal ordni ta' servizz lill-inunita' bil-kundizzjoni li jagħmel xogħol bla ħlas ta' mitejn (200) siegħa.*

*Illi sussegwentement l-esponent beda jeżegwixxi il-mitejn siegħa xogħol bla ħlas kif ġie kkundannat.*

*Illi però saret denunzja mill-uffiċjali tal-probation Joseph Mizzi u dan fit-23 ta' Jannar 2019 fejn ġie rapportat illi l-esponent ma kienx kif qiegħed jaderixxi ruħu mal-ordni tal-Qorti dwar ix-xogħol fil-komunita'.*

*Illi permezz ta' sentenza tal-Qorti Tal-Maġistrati (Għawdex) Bħala Qorti Ta' Ġudikatura Kriminali tas-sebgħa u 27 ta' Novembru 2019 ġiet revokata l-ordni ta' servizz fil-komunità u minflok l-esponent ġie kkundannat sena priġunerija.*

*Illi rriżulta huwa kien naqas milli jeżegwixxi l-aħħar tmintax-il siegħa (18) minn dak li kien ġie kkundannat għalihom.*
*Illi l-esponent appella minn din is-sentenza pero permezz ta' sentenza datata 14 ta' April 2023 is-sentenza ta' l-ewwel Qorti ossia dik fejn il-piena ġiet mibdula f'waħda ta' priġunerija ta' sena ġiet ikkonfermata.*

*Illi l-esponent umilment jissottometti illi l-piena ta' sena priġunerija imposta mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali u kkonfermata mill-Qorti ta' l-Appelli Kriminali, tenut kont illi l-esponent kien kważi ottempora ruħu għal kollox mal-Ordni ta' Servizz fil-Komunita' stante li kien fadal biss tmientax-il siegħa minn mitejn tikkostitwixxi piena sporporzjonata.*

*Illi l-Qorti Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem kellha diversi okkażjonijiet li tippronunzja ruħha fis-sens illi piena sproporzjonata tista' tqajjem lanjanza taħt l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea ossia d-dritt ta' protezzjoni kontra trattament inuman u degradanti.*

*Il-**Guide on Article 3 of the European Convention on Human Rights**[1] jgħid is-segwenti:*

> *"72. The Court accepts that while, in principle, matters of appropriate sentencing largely fall outside the scope of Convention, a grossly disproportionate sentence could amount to ill-treatment contrary to Article 3 at the moment of its imposition. However, the Court has emphasized that "gross disproportionality" is a strict test and it will*

[1] L-ewwel edizzjoni datata 31 ta' Awissu 2022.

> *only be on rare and unique occasions that the test will be met (Babar Ahmad and Others v. the United Kingdom, 2012, § 237; Harkins and Edwards v. the United Kingdom, 2012, § 133).”*

*Illi ssir ukoll referenza għas-segwenti ġurisprudenza:*

*Illi fis-sentenza tal-Qorti Ewropea għad-drittijiet tal-Bniedem fl-ismijiet* ***Case Of Myumyun V. Bulgaria***[2] *intqal hekk:*

> *“However, under Article 19 of the Convention and the principle that the Convention is intended to guarantee rights that are not theoretical or illusory but practical and effective, the Court has to ensure that a State’s obligation to protect the right of those under its jurisdiction not to be subjected to treatment contrary to Article 3 is adequately discharged, and that national authorities do not allow such treatment to go unpunished. This is essential for maintaining the public’s confidence in, and support for, the rule of law and for preventing any appearance of tolerance of or collusion in unlawful acts. It follows that, while granting substantial deference to the national authorities and courts in the choice of appropriate sanctions for ill-treatment, the Court must exercise a certain power of review and intervene in cases of manifest disproportion between the gravity of the act and the punishment imposed (see Gäfgen, cited above, § 123; Kopylov v. Russia, no. 3933/04, § 140, 29 July 2010; and Cestaro, cited above, §§ 205-07).”*

*Illi in oltre fis-sentenza* ***Case Of Soering V. The United Kingdom***[3] *intqal hekk:*

> *“104. That does not mean however that circumstances relating to a death sentence can never give rise to an issue under Article 3 (art. 3). The manner in which it is imposed or executed, the personal circumstances of the condemned person and a disproportionality to the gravity of the crime committed, as well as the conditions of detention awaiting execution, are examples of factors capable of bringing the treatment or punishment received by the condemned person within the proscription under Article 3 (art. 3). Present-day attitudes in the Contracting States to capital punishment are relevant for the*

---

[2] Deċiża fit-3 ta’ Novemnbru 2015 (Application no. 67258/13).
[3] Deċiża fis-7 July 1989 (Application no. 14038/88).

*assessment whether the acceptable threshold of suffering or degradation has been exceeded."*

*Illi hekk ukoll* ***Case Of Babar Ahmad And Others V. The United Kingdom***[4] *intqal hekk:*

*235. The Court takes note of the parties' submissions as to whether the applicants' likely sentences are irreducible within the meaning of that term used in Kafkaris. However, given the views expressed by the House of Lords in Wellington and the Court of Appeal in Bieber in respect of Kafkaris (summarised at paragraphs 64–72 and 144 above), the Court considers it necessary to consider first whether, in the context of removal to another State, a grossly disproportionate sentence would violate Article 3 and second, at what point in the course of a life or other very long sentence an Article 3 issue might arise.*

*Illi apparti minn hekk, meta l-esponent xehed quddiem l-ewwel Qorti fil-proċeduri wara s-sentenza u konsegwenzjali għar-rapport tal-uffiċjal tal-probation l-esponent ma kienx assistit meta xehed dwar tali denunzja. Qed issir referenza għas-seduta tal-11 ta' Lulju 2019*[5]*. Apparti mill-fatt illi l-esponent xehed mingħajr ma kellu l-assistenza ta' l-avukat ta' fiduċja tiegħu, dak inhar il-kawża tħalliet għas-sentenza għall-24 ta' Settembru 2019 b'tali mod illi huwa ġie mċaħħad mid-dritt illi jagħmel sottomissjonijiet legali. Il-Qorti ta' l-Appelli Kriminali ikkummentat fis-sens illi l-esponent qatt ma ġie mġiegħel mill-qorti biex jixhed mingħajr assistenza legali. Dan l-argument pero ma jreġġix għaliex mhux biżżejjed li l-ewwel qorti ma sforzatx lill-esponent jixhed pero kellha tassigura ruħha li tieħu l-miżuri kollha neċessarji sabiex jiġu protetti d-drittijiet fundamentali tal-esponenti.*

*Illi f'dan ir-rigward ir-rikorrent jirreferi ghal kawza ta'* ***Sejdovic v. Italy***[6] *fejn il Qorti qalet:*

*"86. Neither the letter nor the spirit of Article 6 of the Convention prevents a person from waiving of his own free will, either expressly or tacitly, the entitlement to the guarantees of a fair trial (see Kwiatkowska v. Italy (dec.), no. 52868/99, 30 November 2000). However, if it is to be effective for Convention purposes, a waiver of the right to take part in*

---

[4] Deċiża fl-10 ta' April 2012 (Applications nos. 24027/07, 11949/08, 36742/08, 66911/09 and 67354/09)

[5] Fol. 267 ta' l-atti.

[6] Deciza mill-Qorti Ewropew ghad-drittiijet tal-Bniedem fl-1 ta Marzu 2006.

*the trial must be established in an unequivocal manner and be attended by minimum safeguards commensurate to its importance (see Poitrimol, cited above, § 31).”*

*Illi issir referenza għall-***Guide on Article 6 of the European Convention on Human Rights**[7] *fejn insibu s-segwenti:*

> *“441. Article 6 § 3 (c) encompasses particular aspects of the right to a fair trial within the meaning of Article 6 § 1 (Dvorski v. Croatia [GC], 2015, § 76; Correia de Matos v. Portugal (dec.), 2001; Foucher v. France, 1997, § 30). This sub-paragraph guarantees that the proceedings against an accused person will not take place without adequate representation of the case for the defence (Pakelli v. Germany, Commission report of 12 December 1981, § 84). It comprises three separate rights: to defend oneself in person, to defend oneself through legal assistance of one’s own choosing and, subject to certain conditions, to be given legal assistance free (Pakelli v. Germany, 1983, § 31).”*

*Għaldaqstant l-esponent jitlob umilment li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:*

1. *Tiddikjara illi, minħabba illi l-esponenti fil-proċeduri kriminali wara d-denunzja tal-probation officer Joseph Mizzi u senjatament waqt is-seduta tal-11 ta' Lulju 2019, l-esponent xehed mingħajr ma kien assistit mill-avukat ta' fiduċja tiegħu peress li ġie mċaħħad mill-fakulta illi jagħmel sottomissjonijiet legali dan jilledi d-dritt ta' smigħ xieraq kif sanċiti fl-Artikoli 39 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u l-Artiolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja ghad-Drittijiet Fondamentali.*

2. *Tiddikjara wkoll illi minħabba li l-esponent ġie sentenzjat għal sena priġunerija minħabba li ma ottemperax ruħu mal-ordni ta' servizz fil-komunità u dan meta minn mitejn siegħa xogħol kien baqagħlu jagħmel biss tmintax-il siegħa xogħol dan, stante sproporzjonalita’ fil-piena, huwa leżiv tad-dritt ta’ l-esponent għal protezzjoni minn trattament inuman u degradanti kif sanċiti artikolu 36 tal-Kostituzzjoni u u l-artikolu 3 korrispettiv tal-Konvenzjoni Ewropea għad-Drittijiet tal-Bniedem.*

3. *Tagħti dawk ir-rimedji li jidhrilha xierqa għat-twettiq ta' dawn id-drittijiet fundamentali fuq imsemmija, fosthom li tħassar, tirrevoka u tikkanċella s-sentenzi tal-Qorti Tal-Maġistrati (Għawdex) Bħala Qorti*

[7] Aġġornat fil-31 ta’ Awissu 2022.

> *Ta' Ġudikatura Kriminali tas-sebgħa u 27 ta' Novembru 2019 u dik tal-Qorti ta' l-Appelli Kriminali datata 14 ta' April 2023 u konsegwentement jew terġa' qiegħed l-esponent fil-pożizzjoni li kien fiha meta kien għadha in vigore rigore l-ordni ta' servizz fil-komunità jew alternattivament tibgħat l-atti lura lill- Qorti Tal-Maġistrati (Għawdex) Bħala Qorti Ta' Ġudikatura Kriminali sabiex terga' tisma' mill-ġdid il-proċeduri konsegwenzjali għad-denunzja l-uffiċjal tal-probation Joseph Mizzi.*

*Bl-ispejjeż".*

Rat **ir-risposta ta' l-intimati tat-18 ta' Mejju, 2023** fejn irreżistew għat-talba bil-mod segwenti:-

1. *Illi in linea preliminari, l-Avukat Ġenerali ġie imħarrek inutilment f'dawn il-proċeduri peress li l-preżenza tal-Avukat tal-Istat għan-nom tal-Gvern ta' Malta huwa suffiċjenti. Tassew ladarba r-rikorrent qiegħed jilmenta minn allegat ksur tad-drittijiet fundamentali tiegħu, allura skont ġurisprudenza paċifika, l-uniku leġittimu kontradittur għan-nom tal-Gvern ta' Malta huwa l-Avukat tal-Istat. Konsegwentement, l-esponent Avukat Ġenerali għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju;*

2. *Illi in linea preliminari wkoll, kif spiss jingħad f'dawn l-okkażjonijiet, qorti mogħnija b'setgħat kostituzzjonali/konvenzjonali m'għandhiex tiġi mibdula f'qorti tat-tielet jew raba' istanza. Tabilħaqq proċeduri konvenzjonali taħt il-**Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta** mhumiex maħsuba biex iservu ta' appell jew kassazzjoni minn sentenzi li jkunu għaddew in ġudikat, u dan speċjalment meta titqajjem allegata vjolazzjoni tal-**artikolu 6 tal-Konvenzjoni**. Proprju f'dan il-każ ir-rikorrent qiegħed jipprova jgħatti l-ilment tiegħu bil-libsa konvenzjonali meta dan ma huwa xejn ħlief appell ġdid mill-apprezzament milħuq mill-Qorti tal-Appell Kriminali. Filfatt, l-aggravji imqajjmin fir-rikors tal-appell tar-rikorrent Zammit u li ġew deċiżi permezz tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tal-14 ta' April 2023 (ara **Dok SA1** anness ma' din ir-risposta) huma l-istess ilmenti li ġew imqajjmin f'din il-proċedura konvenzjonali. Għalhekk ilmenti bħal dawn ma jistgħux jiġi mistħarrġa mil-lenti konvenzjonali u għalhekk għandhom jiġu mwarrba;*

3. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, fil-mertu, it-talbiet tar-rikorrent huma infondanti fil-fatt u fid-dritt u dan għar-raġunijiet segwenti;*

4. *Illi jibda billi jingħad li biex tinstab leżjoni tad-dritt għal smigħ xieraq kif imħares taħt l-***artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea** *u* **l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni***, huwa meħtieġ li l-proċess ġudizzjarju jiġi eżaminat fit-totalita' kollha tiegħu. Bħala regola, biex wieħed japprezza jekk proċeduri humiex xierqa jew le, wieħed m'għandux iħares biss lejn xi nuqqasijiet proċedurali individwali imma lejn jekk fl-assjem tagħhom, il-proċeduri kienux jew le kondotti b'ġustizzja fis-sostanza u fl-apparenza (ara* ***Perit Joseph Mallia vs. Onor. Prim Ministru et*** *deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fil-15 ta' Marzu 1996);*

5. *Illi meta wieħed jiġi biex jifhem kif japplikaw l-***artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea** *u* **l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni** *jridu tabilfors jitqiesu l-fatturi proċesswali partikolari tal-każ, b'mod illi biex wieħed jiddetermina jekk kienx hemm ksur tal-jedd ta' smigħ xieraq, wieħed irid iqis il-proċess kollu kemm hu, magħduda magħhom l-imġiba tal-Qorti li tkun u kif ukoll ta' kif l-interessi tal-persuna mixlija kienu mressqa u mħarsin mill-istess qorti (Ara Kost. 4.8.1999 fil-kawża fl-ismijiet* ***Fenech vs. Avukat Ġenerali*** *(Kollez. Vol: LXXXIII.i.213)). Wieħed ma jistax u m'għandux jiffoka fuq biċċa biss mill-proċess sħiħ ġudizzjarju biex minnu, jekk isib xi nuqqas jew għelt, jasal għall-konklużjoni li tabilfors seħħ ksur tal-jedd tas-smigħ xieraq (Kost. 18.8.1998 fil-kawża fl-ismijiet* ***Pullicino vs. Onor. Prim Ministru et*** *(Kollez. Vol: LXXXII.i.158, a fol. 225)).*

6. *Illi f'dan il-każ partikolari ċertament ma hemmx nuqqas ta' smigħ xieraq għaliex allegatament ġie mċaħħad milli jkun assistit minn avukat ta' fiduċja tiegħu u mċaħħad milli jagħmel is-sottomissjonijiet tiegħu. Ir-rikorrent qatt ma ġie mċaħħad milli jkun assistit minn avukat u lanqas ġie sfurzat mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali sabiex jixhed mingħajr avukat. Kienet għażla volontarja tar-rikorrent li jixhed minn jeddu fis-seduta tal-11 ta' Lulju 2019. Anzi fix-xhieda tiegħu, r-rikorrent iddefenda ruħu u bl-ebda mod ma inkrimina ruħu. Tabilħaqq biex in-nuqqas ta' assistenza legali jista' potenzjalment iwassal għal ksur ta' smigħ xieraq irid jiġi muri b'mod sodisfaċenti li minħabba dak in-nuqqas inħoloq perikolu illi r-rikorrent nstab ħati meta ma kellux jinstab ħati (ara* ***Charles Steven Muscat vs. Avukat Ġenerali****, Qorti Kostituzzjonali, 8 ta' Ottubru 2012). Anzi f'dan il-każ mhux talli x-xhieda tar-rikorrent ma kienetx ta' preġudizzju għalih iżda kienet ta' għajnuna għalih għaliex spjega li kellu problemi ta' saħħa. Pero, bla tlaqliq l-esponenti jisħqu li s-sejbien ta' ħtija tar-rikorrent kienet waħda tassew ġusta u leġittima. Wara kollox kien ir-rikorrent li naqas milli jikkonferma ruħu mal-Ordni ta' Servizz fil-Komunita u hu kien jaf ben tajjeb x'jiġri hekk jikser tali ordni għaliex ġew imfissra mill-Ewwel Qorti*

*ai termini tal-**artikolu 11(4) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta**. Huwa wkoll spropożitu l-argument tar-rikorrent li hu ġie mċaħħad milli jagħmel sottomissjonijiet permezz tal-avukat tiegħu. Kiku verament ir-rikorrent xtaq jagħmel xi sottomissjonijiet seta' jagħmel talba għas-sospensjoni tal-prolazzjoni sabiex ikun jista' jagħmel is-sottomissjonijiet tiegħu jew almenu fis-seduta tas-27 ta' Novembru 2019, meta kienet ħa tingħata s-sentenza, l-avukat ta' fiduċja tiegħu seta' għamel it-talba apożita. Hawnhekk japplikaw perfettament il-massimi vigilantibus et non dormientibus jure subveniunt u commodum ex injuria sua non habere debet;*

7. *Bi sfiq ma' dan, jedd għas-smigħ xieraq ma jitkejjilx fuq jekk il-kawża tintrebaħ jew tintitlef. Ir-rikorrent bħal donnu qiegħed jippretendi li jista' joqgħod jallega li ġew miksura d-drittijiet tiegħu għaliex l-eżitu tal-proċeduri kriminali ma kienux kif xtaq hu u dan sabiex jipprova jikseb eżitu differenti. Warra kollox, sentenzi li saru res iudicata għandhom jitqiesu li jiswew u li ngħataw rite et recte sakemm ma jintweriex mod ieħor. Barra minn hekk, l-azzjoni konvenzjonali m'għandhiex tintuża biex wara li jkunu ġew mitmuma l-proċeduri kriminali tinfetaħ opportunità ġdida għal ħati biex iressaq provi ġodda jew differenti li huwa ma jkunx ressaq fil-proċeduri kriminali;*

8. *Illi sa fejn l-ilment tar-rikorrent jinsab mibni fuq allegata vjolazzjoni tal-**artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea** u/jew tal-**artikolu 36 tal-Kostituzzjoni**, l-esponenti jiċħdu bil-qawwa kollha li huma qatt poġġew lir-rikorrenti għal xi trattament inuman jew degradanti. Wara kollox ir-rikorrenti ma ġiex maltrattat bl-ebda mod mill-intimati. Mhuwiex sew għalhekk li r-rikorrenti tixli lill-imħarrkin bi trattament mhux uman u degradanti;*

9. *Illi l-argument tar-rikorrent li hemm xi ksur tal-**artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea** għaliex il-piena kienet waħda sporporzjonata hija għal kollox żbaljata. Ibda biex jingħad li l-**gwida fuq artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-drittijiet tal-Bniedem** li għamel referenza għaliha r-rikorrent tesiġi li jrid ikun hemm "gross disproportionality" u dan jiġi ikkalkulat permezz ta' "strict test and it will only be on rare and unique occasions that the test will be met…". Applikat dan it-tagħlim għal kawża odjerna, mhux talli m'hemmx sproporzjonalita' eċċessiva iżda lanqas hemm sproporzjonalita' fil-piena li ngħatat lir-rikorrent. Ir-rikorrent kien tqiegħed taħt ordni ta' Servizz fil-Komunita' u l-Ewwel Qorti kienet fissritlu bi kliem ċar li f'każ li jonqos milli jikkonforma ruħu ma' dawk l-ordinijiet u dawk il-kundizzjonijiet u/jew f'każ li jagħmel reat ieħor huwa jista' jingħata sentenza għar-reati li tagħhom ikun instab ħati.*

*Sewwasew, wara li naqas milli jikkonforma ruħu mal-ordni tal-Qorti huwa weħel piena ta' sena priġunerija u dan għaliex kien instab ħati ta' miżappropprijazzjoni u kien riċediv ai termini tal-**artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta**;*

10. *Ir-rikorrent bħal donnu naqas milli jaqra s-sentenzi kwotati minnhu stess, għaliex l-ebda minnhom ma japplikaw għaċ-ċirkostanzi tal-każ odjern. Kemm is-sentenza ta' **<u>Soering vs The United Kingdom</u>** u **<u>Babar Ahmad and Others vs The United Kingdom</u>** jitkellmu fuq allegat ksur tal-**artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea** meta jkun hemm piena tal-mewt, piena tant sproporzjonata' jew homor ħabs. Fil-każ odjern, la hemm piena tant sproporzjonata' u lanqas piena ta' ħabs għal tul ta' żmien jew piena ta' mewt għaliex ir-rikorrent instab ħati u ġie kkundannat għal sena priġunerija biss. Għalhekk ċertament ma hemm l-ebda vjolazzjoni tal-**artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea** u/jew tal-**artikolu 36 tal-Kostituzzjoni;***

11. *Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.*

*Għaldaqstant fid-dawl tas-suespost ma hemm l-ebda leżjoni tad-drittijiet fundamentali tar-rikorrent u din l-Onorabbli Qorti għandha tiċħad l-allegazzjonijiet u t-talbiet kollha bħala infondati fil-fatt u fid-dritt u dan bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti".*

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet.

Ikkunsisdrat.

Illi l-mertu ta' dawn il-proċeduri kostituzzjonali ukoll konvenzjonali jirrigwardaw proċeduri kriminali li kien hemm fil-konfront tar-rikorrent u fl-ispeċifiku dak li ġara wara li ngħatat sentenza fis-27 ta' Jannar 2016. Illi permezz ta' din is-sentenza, il-Qorti tal-Magistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ddeċidiet illi –

*“ Il-Qorti wara li rat l-Artikoli 17, 18, 31, 49, 50, 293, 294 u 310 (1) u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta qieghda ssib lill-Imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u wara li rat ukoll l-Artikoli 2, 7, 11 sa’ 14 u 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijeit ta’ Malta, minflok taghti piena ta’ prigunerija kontra l-imputat, meta hadet kont ukoll tal-valur tal-oggetti approprjati, qieghda tqieghed lill-hati taht ordni ta’ servizz fil-komunita bil-kundizzjoni li jaghmel xoghol bla hlas ghal mitejn (200) siegha f’dak il-post u b’dawk l-arrangamenti li jsiru mid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole u bil-kondizzjonijiet kollha ohra imsemmija fid-digriet hawn anness.*

*A tenur tal-Artikolu 11(4) tal-kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti tiddikjara wkoll li qabel ma emanat tali ordni, hija kienet fissret lill-hati bi kliem car u li jinftiehem, l-effetti tal-ordni ta’ servizz fil-komnita kif ukoll tal-kondizzjonijiet kollha elenkati fid-digriet anness ma’ din is-sentenza u li f’kaz li jonqos milli jikonforma ruhu ma’ dawk l-ordnijiet u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f’kaz li jaghmel reat iehor huwa, jista jinghata sentenza ghar-reati li taghhom instab hati b’din is-sentenza, nonche l-konsegwenzi li jistghu jigu offerti f’kaz ta’ nuqqas ta’ adezjoni mat-termini tal-ordni hawn fuq imsemmi.“*

Illi għalhekk din il-Qorti sejra tipprocedi billi tagħmel riassunt ta’ dak li gara wara s-sentenza li imponiet il-mitejn siegħa ta’ xogħol fil-komunita’;

.

- 30 ta’ Gunju 2016 - rapport mill-uffiċjal tal-probation li rrapporta li r-rikorrent kien qed jikkopera u li kien beda jagħmel ix-xoghol assenjat lilu[8];
- 14 ta’ Marzu 2018 – rapport mill-uffiċjal tal-probation li rrapporta li r-rikorrent ma kienx qed juri motivazzjoni fil-post fejn kien tpoġġa u li għalhekk ġie assenjat f’post ieħor. Illi minħabba ċirkostanzi li ma kienux tort tar-rikorrent, hu ma setax ilesti s-

[8] Folio 198

siegħat li kienu ngħatawlu u għalhekk talab lill-Qorti sabiex testendi ż-żmien.[9]

- 21 ta' Marzu 2018 – digriet tal-Qorti li estendiet iż-żmien b'sena[10];
- 23 ta' Jannar 2019 – rikors tal-uffiċjal tal-probation li bih informa lill-Qorti li r-rikorrent kien naqas milli jwettaq ix-xogħol ta' serviżż fil-komunita', u li ma kienx qed juri impenn u motivazzjoni[11];
- 31 ta' Jannar 2019 – digriet tal-qorti li appuntat il-kawża għas smiegħ għad-9 ta' April 2019[12];
- 9 ta' April 2019 – seduta quddiem il-Qorti fejn ir-rikorrent deher assistit mill-Avukat Joseph Grech. Skond il-verbal il-Qorti *"taghti cans lil Jason Zammit sad-29 ta' Gunju 2019, sabiex ikun wettaq il-55 siegħa li għad fadal.[13]"*
- 28 ta' Gunju 2019 – rapport tal-uffiċjal tal-probation li bih informa lill-qorti li r-rikorrent ma kienx wettaq ix-xogħol fi żmien stipulat. Irrapporta illi r-rikorrent naqas milli jattendi għax-xogħol għal diversi gimgħat u attenda biss b'mod sporadiku. Kompla li fl-aħħar sena huwa wettaq biss tletin (30) siegħa u li fi tliet snin ma rnexxilux iwettaq l-ammont kollu ta' siegħat[14].
- 3 ta' Lulju 2019 – digriet tal-qorti li appuntat il-kawża għal smiegħ għal-11 ta' Lulju 2019[15];
- 11 ta' Lulju 2019 – seduta quddiem il-Qorti fejn deher ir-rikorrent mhux assistit[16]. Xehdu bil-gurament l-uffiċjal tal-probation[17] u r-rikorrent[18]. Il-Qorti vverbalizżat illi hija diġa' kienet estendiet iż-żmien minn sentejn għal tlett snin[19], li r-rikorrent ma kienx mexa ma' dan il-Ordni u li għalhekk il-Qorti kienet se tissentenzja lir-rikorrent dwar il-kawża oriġinali u dan ai termini tal-Artikolu 11 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-kawża giet differita għas-sentenza għal-24 ta' Settembru 2019.

---

[9] Folio 199
[10] Folio 200
[11] Folio 201
[12] Folio 202
[13] Folio 203
[14] Folio 204
[15] Folio 206
[16] Folio 207
[17] Folio 208
[18] Folio 209
[19] Ibid.

- Jingħad li f'din is-seduta msemmija r-rikorrent, ħa il-pedana, minn jeddu, issa bħala bniedem ġia' kkundanat fis-sens li l-akkużi tiegħu kienu ġia' għaddew in ġudikat, meta gie mistoqsi jekk kienx se jippreżenta xi ċertifikat mediku li ma setax jattendi ghax-xoghol fil-komunita', allura ma' komplix ma l-ordni tal-Qorti, jghid illi :

*" Iva, u ghandi jiġifieri mort ghand it-tabib, Dottor Peter Muscat, iva, u qalli l-pressjoni li għandek tista' tibqa' hawn ġew, qalli,ħa ngħidlek jiġifieri, u minflok zewg pilloli bdejt niehu sitta .."* Ma ġie ppresentat ebda dokument.

Senjatament ir-rikorrenti jixhed li l-ġurnata ta' qabel kien mar għand l-avukat għaliex kien ġie notifikat bis-seduta jumejn qabel biss, u li fl-uffiċċju qalulu li l-avukat kien imsiefer. Jagħti din ix-xhieda:-

" <u>Rikorrenti Xhud</u>- *"U fil-fatt għandi l-karti u hekk għand Dottor Refalo, imma tani qatgħa jumejn ilu, qalli li mhux ħa jkun hemm. Mhux hu qalli mhux ħa jkun hemm, lanqas naf x 'isimha, kien hemm waħda hemm ġew.*

<u>Il-Qorti</u> *Ma jkunx hemm, mhux vera , m'għandux impjegata hemm ġew.*

<u>Ix-Xhud</u> *Kien hemm waħda ta.*

<u>Il-Qorti</u> *M'għadhiex impjegata*

<u>Ix-Xhud</u> *kien hemm waħda żġur, kieku mhux ħa ngħidlek, mort l-uffiċju. Ħa ngħidlek kemm ilu, ilbieraħ*

<u>Il-Qorti</u> *Il-bieraħ ma kien hemm ħadd għax hu imsiefer*

<u>Ix-Xhud</u> *iva iva, kien hemm żġur, kieku mhux se ngħidlek. Żġur. Kien hemm tnejn hemm ġew. U ħabbatt, ħabbatt għax ħsibtu qiegħed hemm. Imbagħad wara-*

<u>Il-Qorti</u> *Il-bieraħ mort*

<u>Ix-Xhud</u> *Iva il-bieraħ Ilbieraħ.*

<u>Spettur Bernard Charles Spiteri</u> *Għax jumejn ilu ġie notifikat.*

<u>Ix-xhud</u> *Le, imma l-bieraħ mort żġur*

<u>Spettur Bernard Charles Spiteri</u> *Għax lanqas stajna nsibuh biex ninnotifikawh.*

<u>Ix-xhud</u> *Il-bieraħ qalli dak imsiefer ta."*[20]

---

[20] Folio 210

Ma ġie verbalizzat imkien li hu talab differiment għan-nuqqas ta' l-avukat tiegħu. Lanqas ma sar l-appositu rikors.

- 2 ta' Settembru 2019 – Is-seduta tal-24 ta' Settembru giet differita ghas-27 ta' Novembru 2019;
- 27 ta' Novembru 2019 – deher ir-rikorrent assistit mill-avukat Anton Refalo li ddikjara li minn meta l-kawża kienet marret għas-sentenza sa issa, ir-rikorrenti, **<u>issa,</u>** kien baqagħlu biss biex jagħmel tmintax-il (18) siegha xogħol fil-komunita' x'jagħmel, imma l-Qorti għaddiet ghas-sentenza. Ma saret ebda talba formali biex tiġi sospiża l-prolazzjoni tas-sentenza, lanqas sar xi r-rikors appropju.

Għalhekk ingħatat sentenza u r-rikorrent ġie kkundannat għal sena priġunerija. Ir-rikorrent talab għas-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tas-sentenza li ngħatat. Huwa appella minn din is-sentenza u fis-seduta tas-27 ta' Novembru 2020, ir-rikorrent ikkonferma li kien ħadem it-tmintax-il (18) siegha li kien għad fadal. L-appell intbagħat għas-sentenza għas-26 ta' Marzu 2021.

Illi fis-6 ta' Frar 2023, stante li l-imħallef li kien jippresjedi l-Qorti tal-Appelli Kriminali (Inferjuri) inbidel, il-kawża ġiet differita għal-20 ta' Marzu 2023. Il-kawża mbagħad ġiet differita għas-sentenza għall-14 ta' April 2023. Il-Qorti ċaħdet l-appell u kkonfermat is-sentenza fejn ingħatat sena priġunerija.

Illi r-rikorrent reġa' xehed fil-mori ta' dawn il-proċeduri. Huwa jgħid li kien fadallu madwar tmintax-il (18) siegha u li meta kien tela jixhed l-Qorti l-avukat tiegħu ma kienx preżenti. Ikompli li nforma lill-Qorti li jekk jasal l-avukat tiegħu jkun jista' jinfurmah ukoll li kien baqagħlu tmintax- (18) il siegħa biss. Qal ukoll li kien qal lill-Qorti li kieku kellu l-Avukat tiegħu kien igħidlu kemm eżatt kien baqgħalu. Igħid li waħħlu sena ħabs għax kien waħdu u ma seta' juri xejn. Ir-rikorrent saqsa lill-Qorti biex jitla' jixhed u l-Magistrat qallu li ma setax. Ghalhekk il-maġistrat kien waħlu sena ħabs għaliex kien qiegħed waħdu.

**In kontroezami**, jikkonferma li hu xehed minn jeddu quddiem il-Qorti. Jispjega li hu pprova jgħid lill-Magistrat li kien għamilhom dawn it-tmintax-il (18) siegħa imma la kien bla avukat ma seta jagħmel xejn.

**Sottomissjonijiet tar-rikorrenti.**

Ir-rikorrent in sostenn tat-talbiet tiegħu jressaq għal konsiderazzjoni ta' din il-Qorti dak li qalet il-Qorti Ewropeja fid-deċiżjoni fl-ismijiet **Case of Lilian Erhan vs. The Republic of Moldova u Case of Pakelli vs German**, fejn hemm imsaħħaħ il-bżonn ta' assistenza legali, ukoll il-ħin adekwat biex l-imputat ilesti d-difiża tiegħu. Ukoll il-bżonn ta' assistenza legali minħabba l-kumplessita' ta' vertenzi legali kkumplikati li jistgħu jkunu implikati fil-proċess.

Ukoll fejn jirrigwarda n-nuqqas ta' proporzjonalita' fil-piena, jiċċitaw is-sentenza fl-ismijiet **Harkins and Edwards vs the United Kingdom**. Kawża li titratta ta' estradizzjoni u l-piena ferma ħarxa li ssegwi f'każ ta' sejbien ta' ħtija.

**Sottomissjonijiet bil-miktub tal-intimati**

Wara riassunt tal-fatti, jissottometti dwar l-ewwel eċċezzjoni li bid-dħul tal-Att XXV tas-sena 2019, l-Avukat Generali mhuwiex aktar vestit bir-rappreżentanza tal-Gvern ta' Malta f'azzjonijiet ta' natura kostituzzjonali, imma din issa hija vestita fl-Avukat tal-Istat. Ghalhekk l-Avukat Ġenerali għandu jiġi lliberat mill-osservanza tal-ġudizzju.

Fit-tieni eċċezzjoni tiegħu, l-Avukat tal-Istat jeċċepixxi li l-proċeduri kostituzzjonali m'għandhomx iservu bħala qorti tat-tielet grad. Illi kif ingħad minn diversi qrati, mhuwiex ir-rwol tal-Qorti Kostituzzjonali li tirrevedi allegati żbalji ta' qrati oħra, jew li terġa tevalwa l-fatti u/jew il-provi tal-kawża, għaliex b'hekk tkun qed taġixxi bħala qorti tat-tielet istanza – **Joseph Bellizzi et vs Awtorita' Marittima ta' Malta et** – QK – 27 ta' Frar 2009; **Nazzareno Muscat et vs Avukat Generali** – QK –

31 ta' Mejju 2010 u **Valfracht Maritime Co. Ltd. vs Avukat Generali et** – QK – 22 ta' Novembru 2006.

Skond l-intimati dak li qed jitlob ir-rikorrent huwa li titħassar is-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali għaliex ma jaqbilx mal-Qorti fejn kienet sabitu ħati. Isostni li tant ir-rikorrent qiegħed juża din il-Qorti bħala tielet jew raba stadju li l-ilmenti tiegħu f'dawn il-proċeduri kostituzzjonali huma l-istess aggravji li huwa ressaq fl-appell tieghu quddiem il-Qorti tal-Appell Kriminali. Illi in sostenn ta' dan l-intimat jiċċita parti mis-sentenza li ngħatat fil-kawża **St. Paul's Court Limited vs Il-Onorevoli Prim Ministru et** u jirreferi wkoll ghal **Marks and Charles Limited et vs Avukat Generali** deċiza mill-Qorti Kostituzzjonali fit-12 ta' Frar 2018.

Oltre l-intimati jissottomettu li hawn japplika l-prinċipju *commodum ex injuria sua non habere debet*, u li għalhekk ħadd ma għandu jieħu vantaġġ tan-nuqqasijiet tiegħu stess. Dan stante l-fatt li r-rikorrent jinsab f'din il-posizzjoni minħabba traskuraġni tiegħu. Huwa għal dawn ir-raġunijiet li din l-Onorabbili Qorti għandha tiddeklina milli teżerċita s-setgħat tagħha kostituzzjonali.

Illi fir-rigward tal-ilment tar-rikorrent li kien hemm vjolazzjoni tad-dritt ta' smiegħ xieraq, dan għandu jiġi meqjus fit-totalita' tal-proċeduri u mhux fir-rigward ta' mument speċifiku. Dwar dan il-punt ssir referenza għal **Dr. Lawrence Pullicino vs Onorevoli Prim Ministru et** - QK – 18 ta' Awissu 1998; **Anthony Zarb et vs Ministru tal-Gustizzja et** – QK – 16 ta' Ottubru 2002; **Gregorio sive Godwin Scicluna vs Avukat Generali** - QK – 15 ta' Ottubru 2003; **Stephen Pirotta vs Avukat Generali et** – QK – 27 ta' Settembru 2019; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Alfred Camilleri** – QK – 12 ta' Novembru 2012 u **Joseph Bugeja vs Avukat Generali** – QK – 14 ta' Jannar 2013.

Illi kif tenniet il-Qorti Ewropea fil-kawża **Natsvlishvili u Togonidze vs Georgia** deciza fid-29 ta' April 2014, persuna li tkun daħlet f'patteġjament mal-prosekuzzjoni ma tistax imbagħad tqajjem kwistjonijiet marbuta mal-ksur tad-dritt ta' smiegħ xieraq.

L-intimat ikompli li kienet għażla tar-rikorrrent li fis-seduta tal-11 ta' Lulju 2019, ma jkunx assistit minn avukat u li kienet għażla tiegħu wkoll li xehed mingħajr l-assistenza ta' avukat. Ix-xhieda li ngħatat mir-rikorrenti ma kellha l-ebda piż fuq is-sentenza li ngħatat għaliex kollox kien determinat mix-xhieda tal-uffiċjali tal-probation Joseph Mizzi. Minbarra dan, ir-rikorrent qatt ma ġie miċħud milli jippreżenta s-sottomissjonijiet tiegħu u seta' jitlob li jsir dan imma fil-fatt qatt ma kien hemm din it-talba. Ikompli lix-xhieda li ta r-rikorrent ma kellhiex impatt fis-sejbien tal-ħtija tiegħu, u jekk wieħed jara t-traskrizzjoni tax-xhieda jirriżulta li huwa ma wieġeb għal ebda domanda li setgħet tpoġġi ħtija fuqu. Illi a bażi ta' dan kollu premess, l-intimat jisħaqq li ma kien hemm l-ebda vjolazzjoni tad-dritt għal smiegħ xieraq.

Dwar l-ilment li r-rikorrent sofra xi trattament inuman jew degradanti, skond l-intimat dan ma ġiex ppruvat jew spjegat bl-ebda mod. Dwar il-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni u skond il-ġurisprudenza Ewropea *"inhuman treatment covers at least such treatment as deliberatly causes severe mental and physical suffering."* Jirreferi għal **Peers vs Greece** deċiża fid-19 ta' April 2001 u **Yancov vs Bulgaria** deċiża fil-11 ta' Dicembru 2003.

Jispjega li sabiex ikun hemm ksur tal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni, s-sentenza trid tkun sproporzjonata u tammonta għal trattament ħażin ħafna. Ir-rikorrent weħel sena ħabs u dan wara li kien ingħata l-opportunita' li jagħmel servizz fil-Komunita'. Ssir referenza dwar dan għal **Harkins and Edwards vs The United Kingdom** deċiża fis-17 ta' Jannar 2012.

Illi għalhekk għall-intimat huwa ċar li ma kien hemm l-ebda vjolazzjoni tal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni jew l-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni.

**L-ewwel eċċezzjoni tal-Avukat tal-Istat – l-Avukat Generali mhuwiex il-leġittimu kontradittur**

Ġie eċċepit li l-Avukat Ġenerali ġie imħarrek inutilment u li għalhekk għandu jiġi lliberat mill-osservanza tal-ġudizzju.

Illi wara l-emendi li kienu saru permezz tal-Att XXV tas-sena 2019, huwa issa l-Avukat tal-Istat li jirrappreżenta lil Gvern f'azzjonijiet fil-Qrati ta' Malta. Illi dan jirriżulta mill-Artikolu 181B (2) li jgħid –

*"L-Avukat tal-Istat jirrappreżenta lill-Gvern f'dawk l-atti u l-azzjonijiet ġudizzjarji li minħabba n-natura tat-talba ma jkunux jistgħu jiġu diretti kontra xi wieħed jew aktar mill-kapijiet tad-dipartimenti l-oħra tal-Gvern."*

**Għaldaqstant din l-eċċezzjoni qegħda tintlaqa'.**

**It-tieni eċċeżżjoni tal-intimati:**

L-intimati jeċċepixxu wkoll illi b'dan ir-rikors ta' natura kostituzzjonali u konvenzjonali r-rikorrenti qiegħed juża lil din il-Qorti hekk adita bħala waħda ta' tielet istanza jew ta' kassazzjoni, billi jiprova jagħti l-ilment tiegħu xejra kostituzzjonali/konvenzjonali meta l-ilment tiegħu ma huwa xejn ħlief appell mill-ġdid fuq l-apprezzament li ġia' għamlet il-Qorti tal-Appell Kriminali tal-14 ta' April, 2023. Jinsisti li l-ilmenti tiegħu tal-lum ġia' ġew imressqa quddiem din il-Qorti imsemmija, konsegwentement jeċċepixxi li t-talbiet tar-rikorrenti għandhom jiġu mwarrba.

In eżami ta' din l-eċċezzjoni jkun opportun li wieħed jagħti ħarsa lejn dak li qalet il-Qorti Kriminali (Appell) fis-sentenza tagħha meta kkunsidrat l-aggravju proprju ta' Jason Zammit li kien jitratta din il-lanjanza.

L-ewwel aggravju mressaq mir-rikorrenti fir-rikors tal-appell tiegħu jitratta proprju l-fatt li hu tħalla jixhed mingħajr ma kien assistit minn avukat tax-xelta tiegħu jew ġie mqabbad lilu avukat ta' għajnuna legali. Dan tenut kont tal-fatt illi, kif ikompli l-istesss aggravju, li l-Kap 466

jagħti ċerta diskrezzjoni lil gudikant jekk jimponix xelta ta' multa jew titratta mal-probationer għar-reat li għalih ikun ġie mqiegħed taħt Ordni ta' Xogħol fil-Komunita'.

Il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza tagħha tal-14 ta' April, 2023 għamlet din il-konsiderazzjoni fir-rigward-:

*"Illi din il-Qorti tinnota li jidher li l-appellant għażel minn jeddu li jixhed. Din mhux il-fażi ta' qabel ma jibdew il-proċeduri fil-Qorti fejn l-assistenza minn avukat huwa dritt li tista' wkoll tirrinunzja għalih. Fil-proċeduri fil-Qorti jibqa' dak id-dritt li akkużat ikun assistit minn avukat iżda l-għażla tibqa' f'idejh jekk jeżerċitax dan id-dritt. Minn imkien ma jirriżulta li l-Ewwel Qorti jew il-Prosekuzzjoni sfurzaw lill-appellant biex jixhed. Għall-Prosekuzzjoni x-xhud importanti kien l-Uffiċjal tal-Probation li mexa mad-direzzjoni tal-Qorti u fiż-żmien stipulat mill-Qorti stess ippreżenta r-rapport. Fuq kollox, mix-xiehda li ta l-appellant blebda mod ma jirriżulta li dan b'xi mod inkrimina ruħu b'dak li qal anzi ta spjega dwar il-problemi ta' saħħa li kellu u li kien għalhekk li ma kienx għamel is-siegħat. Huwa ddefenda ruħu u ma qalx xi ħaġa li setgħet tintuża kontra tiegħu.*

*Illi fuq l-ilment tal-appellant li s-sottomissjonijiet setgħu jsiru mill-avukat biss u mhux minnu, din il-Qorit tinnota li dakinhar li xehed l-appellant fis-seduta tal-11 ta' Lulju 2019, l-Ewwel Qorti ddiferiet il-kawża għas-sentenza għall-24 ta' Settembru 2019 li b'ordni tal-istess Qorti ġiet differita għas-27 ta' Novembru 2019 f'liema seduta deher l-appellant assistit mill-konsulent legali tiegħu u dakinhar l-Ewwel Qorti tat is-sentenza tagħha dwar iddenunzja magħmula mill-Uffiċjal tal-Probation. Ma jirriżulta minn imkien fl-atti proċesswali li f'dawn l-erba' xhur u sittax-il jum intalbet is-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza minn naħa taddifiża. F'dak il-jum stess li kellha tingħata s-sentenza mill-Ewwel Qorti, il-konsulent legali tal-appellant għamel dikjarazzjoni fil-verbal ta' dakinhar dwar in-numru ta' siegħat li, skont hu, kien fadallu jagħmel l-appellant u għal darb'oħra ma saret* ebda *talba sabiex tiġi s-sospiża l-prolazzjoni tas-sentenza sabiex possibilment jinstemgħu sottomissjonijiet jew sabiex jiġi mitlub li tiġi ppreżentata Nota ta' Sottomissjonijiet."*

Illi huwa ċar minn din il-valutazzjoni tal-Qorti Kriminali illi hija ma setgħetx tmur oltre dawk il-kunsiderazzjonijiet tagħha. Qajla setgħet tidħol f'kwistjonijiet ta' indoli kostituzzjonali jew konvenzjonali. Lanqas ma ġiet mitluba tagħmel referenza fir-rigward. Għalhekk l-eċċezzjoni tal-intimati tfalli f'dan ir-rigward.

Huwa vera, u hawn għandhom raġun l-intimati, li ħafna drabi l-Qrati ta' veste kostituzzjonali qed jiġu ta' spiss użati minn ċerta avukati biex jerġgħu jiftħu kunsiderazzjonijiet ta' natura ordinarja. Pero' dawn il-Qrati jafu dan, u nonostante l-ħela ta' ħin għalihom u għal partijiet u ħela ta' flejjes kemm għal amministrazzjoni tal-ġustiżżja u agħar għal partijiet, dejjem għarfu jrażżnu dan.

Pero' fil-każ in rigward, barra għal referenza Kostituzzjonali, il-Qorti tal-Appell Kriminali ma setgħet qatt tikkunsidra ebda ilment li ġie mressaq quddiem din il-Qorti llum. Ma setgħet qatt oltre kull kunsiderazzjoni li għamlet teżamina jew tagħti rimedju ta' natura kostituzzjonali u konvenzjonali kif inhu qed jiġi mfittex issa. **Konsegwentement din l-eċċezzjoni qed tiġi miċħuda.**

**L-ewwel ilment tar-rikorrent – leżjoni tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta (Kostituzzjoni) u tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja Għad-Dritttijiet Fundamentali tal-Bniedem (Konvenzjoni)**

Illi r-rikorrent qiegħed jilmenta li kien hemm vjolazzjoni tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni stante l-fatt li xehed quddiem il-Qorti mingħajr l-assistenza tal-avukat. L-Artikolu 39 jgħid –

*"(6) Kull min ikun akkużat b'reat kriminali –*
*(a) għandu jiġi nformat bil-miktub, b'ilsien li huwa jifhemu bid-dettalji, dwar ix-xorta tar-reat li bih ikunakkużat;*
*(b) għandu jiġi mogħti żmien u faċilitajiet xierqa għall-preparazzjoni tad-difiża tiegħu;*

*(ċ) għandu jitħalla jiddefendi ruħu personalment jewpermezz ta' rappreżentant legali u min ma jkunx jista'jħallas għal rappreżentanza legali hekk kif tkunmeħtieġa raġonevolment miċ-ċirkostanzi tal-każtiegħu jkollu dritt li jkollu dik ir-rappreżentanza bispejjeż pubbliċi;"*

Minn naħa l-oħra l-Artikolu 6 (3) tal-Konvenzjoni jaqra –

*"3. Everyone charged with a criminal offence has the following minimum rights:*

*(a) to be informed promptly, in a language which he understands and in detail, of the nature and cause of the accusation against him;*

*(b) to have adequate time and facilities for the preparation of his defence;*

*(c) to defend himself in person or through legal assistance of his own choosing or, if he has not sufficient means to pay for legal assistance, to be given it free when the interests of justice so require;*

Illi din il-Qorti qegħda tirreferi wkoll ghall-Artikolu 519 tal-Kodici Kriminali li jgħid –

*"Hu dmir tal-qrati ta' ġustizzja kriminali li jipprovdu għad-difiża ġusta tal-imputati jew akkużati;...."*

Dwar dan l-artikolu l-Qorti tirreferi għal dak li qalet il-Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-kawza **__Il-Pulizija vs Gordon Schembri__** deċiża fis-16 ta' Mejju 2019
*"Relatat ma' dan, din il-Qorti sejra tibda billi taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet* ***'Il-Pulizija Vs Clement Gauci Sergio Gauci Anthony Sammut'****:*

*'Il-fatti huma dawk li jidhru a fol 3 tal-proċess u li diġa' ġew deskritti aktar 'il fuq. F'dan il- każ id-differenza mill- ewwel appell huwa li dawn l-appellanti kienu preżenti. Dawn m'għamlu ebda ammissjoni u talbu li*

*jkunu assistiti mill-avukat tagħhom. Fil-ħin tas-sentenza, l-avukat tagħhom kien jinsab jaqdi d-dmiritijiet tiegħu quddiem Qorti oħra.*

*Effettivament l-appellanti kienu preżenti qabel il-ħin ma tibda s-seduta u, skont ir-rikors promotorju, huma insistew li jkollhom l-assitenza tal-avukat.*

*L-appellanti jagħmlu referenza għas-sentenza 'Il-Pulizija v Brian Fenech' tat-30 ta' Ġunju 2004 li tagħmel cross- reference għal sentenza oħra 'Il-Pulizija vs Bernard Grech' tat-23 ta' Settembru, 1998. F'din it-tieni sentenza, l-Qorti kienet rreferiet għall-fatt li l-imputat kien qiegħed impliċitament jitlob assistenza legali. F'dan il-każ l- appellanti kienu espliċitament qed jitolbu li jkollhom l- assistenza legali.*

*Il-Qorti tifhem li l-Ewwel Onorabbli Qorti jkollha volum kbir ta' xogħol xi twettaq u mhux faċli li tleħħaq mal- pressjonijiet. Iżda din il-Qorti f'dawn iċ-ċirkostanzi bilfors ikollha tannulla s–sentenza mogħtija fis-17 ta' Mejju 2011 fl-ismijiet 'Il-Pulizija verus Clement Gauci, Sergio Gauci u Anthony Sammut' u f'dan l-istadju għalhekk il-Qorti qed tħassar u tirrevoka s-sentenza kollha kemm hi u mhux fil- konfront ta' Anthony Sammut kif għamlet aktar 'il fuq meta kienet qed teżamina r-rikors ta' Anthony Sammut.'*

*Fis-sentenza fl-ismijiet '**Il-Pulizija v. Reuben Bonnici**' gie kkunsidrat:*

*'Fis-seduta tallum l-appellant xehed illi wara li l-ufficjal prosekutur iddikjara li ma kellux izjed provi, huwa gie mistoqsi jekk kellux xi haga xi jghid u qal li jitkellem l-avukat. Mill- verbal tal-11 ta' Novembru 2010 huwa evidenti illi l-appellant kien talab lill-Avukat Joseph Giglio biex jippatrocinah. L-ewwel Qorti fl-ebda hin ma pposponiet il-kawza sabiex l- appellant ifittex lill-avukat tieghu jew, alternattivament, qabbditlu avukat iehor.*

*M'hemmx dubbju li l-ewwel Qorti kienet preokkupata bil-fatt li baqa' ma deherx l-avukat ta' l-appellant. Mill-banda l-ohra ma jirrizultax li hija pposponiet il-kawza sabiex l-appellant ifittex lill-avukat tieghu jew, alternattivament, qabbditlu avukat iehor.*

*L-artikolu 519 tal-Kodici Kriminali jiddisponi:*

***"Hu dmir tal-qrati ta' gustizzja kriminali li jipprovdu ghad-difiza gusta ta' l-imputati jew akkuzati."***

*Din il-Qorti diversi drabi esprimiet ruhha kif ghandu jigi tutelat dan id-dritt. Hekk fl-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Bernard Grech** deciz minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-23 ta' Settembru 1998 (Vol. LXXXII.iv.353) intqal hekk:*

*"...l-imputat kien qieghed implicitament jitlob assistenza legali u ghalhekk l-Ewwel Qorti kellha d-dmir li tipprovdi ghad-difiza gusta tieghu kif jitlob l-artikolu 519. Dana l-Ewwel Qorti setghet taghmlu jew billi tipposponi (mhux tiddifferixxi) ghal ftit hin sakemm l- imputat isib lill-Avukat tieghu jew jinkariga avukat iehor, jew f'kaz li ma jirnexxilux jinkariga avukat iehor, billi tinnominalu avukat jew prokuratur legali a spejjez pubblici. Kieku l-Ewwel Qorti ghamlet xi wahda minn dawn l-affarijiet kien ikollha kull dritt li tkompli bil- kawza - li wara kollox hi wahda sommarja - dik il-gurnata stess, wara li naturalment, taghti zmien xieraq lill-avukat jew prokuratur legali gdid sabiex ikellem lill-imputat u jigi debitament istruwit minnu dwar il-kawza. Fil-kaz in dizamina l-Ewwel Qorti ma ghamlet xejn minn dan, u minflok ghaddiet minnufih biex tippronunzja s- sentenza. B'hekk jigi li fi stadju krucjali tal-kawza, u precizament meta l-imputat kellu jaghzel jixhidx jew le, hu talab ghall-assistenza legali u din giet michuda lilu (ara fl-istess sens is-sentenza ta' din il- Qorti tas-26 ta' Gunju 1998, fil-kawza fl-ismijiet 'Il-Pulizija v. Michelina Apap'). Dan kien nuqqas serju li necessarjament iwassal ghall-annullament ta' l-ewwel sentenza."*

*Dan il-bran gie citat b'approvazzjoni fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Brian Fenech** deciz minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-30 ta' Gunju 2004, u fl-Appell Kriminali **Il- Pulizija v. Aldo Spiteri** deciz ukoll minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-15 ta' Lulju 2004 f'liema zewg kazijiet kienu sahansitra xehdu l-imputati quddiem l-ewwel Qorti.*

*F'dan il-kaz, meta l-appellant qal li ried li jitkellem l-avukat, kien evidentement qieghed jghid li ried li jkun assistit mill-avukat tieghu.*

*Din il-Qorti tifhem u tissimpatizza mal-Qrati tal-Magistrati li dejjem ikunu taht pressjoni konsiderevoli ta' xoghol u jkunu jridu jwettqu l-programm ta' xoghol taghhom fis-seduti taghhom, u tapprezza wkoll li*

*dawk il-Qrati ta' sikwit isibu l-pjanijiet u programmi taghhom ta' xoghol frustrati bin-nuqqas ta' attendenza puntwali ta' imputati, xhieda jew avukati. Pero`, fid-dawl tal-gurisprudenza citata, ladarba kien evidenti li l-appellant odjern kellu l- avukat tieghu, dak li kellha taghmel l-ewwel Qorti kien li kellha l-ewwel tipposponi l-kawza ghal aktar tard sabiex l-appellant ikollu l-opportunita` jfittex jew jikkomunika ma' l-avukat tieghu; jekk, meta terga' tissejjah il-kawza, l-avukat ta' l-appellant jibqa' ma jidhirx, l-ewwel Qorti jew tordnalu li jsib avukat iehor jew, jekk dan mhux possibbli, tappuntalu avukat iehor hi stess u taghti zmien xieraq lill-avukat hekk nominat sabiex ikellem lill-appellant u jigi debitament istruwit minnu dwar il-kawza. Peress li ma sar xejn minn dan, din il-Qorti m'ghandhiex alternattiva hlief li tannulla s-sentenza appellata.'*

*Fis-sentenza fl-ismijiet* **'Il-Pulizija v. Johann Grech'** *gie kkunsidrat ukoll li:*

*'Din il-Qorti tifhem u tissimpatizza mal-Qrati tal-Magistrati li dejjem ikunu taht pressjoni konsiderevoli ta' xoghol u jkunu jridu jwettqu l-programm ta' xoghol taghhom fis-seduti taghhom, u tapprezza wkoll li dawk il-Qrati ta' sikwit isibu l-pjanijiet u programmi taghhom ta' xoghol frustrati bin-nuqqas ta' attendenza puntwali ta' imputati, xhieda jew avukati. Pero`, fid-dawl tal-gurisprudenza citata, ladarba kien evidenti li l-appellant odjern kellu l- avukat tieghu, dak li kellha taghmel l-ewwel Qorti kien li l-ewwel tipposponi l-kawza ghal aktar tard sabiex l-appellant ikollu l-opportunita` jfittex jew jikkomunika ma' l-avukat tieghu, jekk, meta terga' tissejjah il-kawza, l-avukat ta' l-appellant jibqa' ma jidhirx, l-ewwel Qorti jew tordnalu li jsib avukat iehor jew, jekk dan mhux possibbli, tappuntalu avukat iehor hi stess u taghti zmien xieraq lill-avukat hekk nominat sabiex ikellem lill-appellant u jigi debitament istruwit minnu dwar il-kawza. Peress li ma sar xejn minn dan, din il-Qorti m'ghandhiex alternattiva hlief li tannulla s-sentenza appellata.'*

*Fis-sentenza fl-ismijiet* **'Il-Pulizija Vs. Aldo Spiteri'** *gie kkunsidrat li*

*'Fil-kaz odjern jidher implicitu li l-appellant kien informa l-Qorti li ried jigi assistit mill- Avukat Dr. Gatt li kull ma jmur kien qed jissejjah u ma jidhirx, tant li l-Ewwel Qorti ordnat li l-fatt li kien qed jissejjah jigi verbalizzat*

*ripetutament.*

> *Illi kif gja esprimiet ruha fis-sentenza "**Il-Pulizija vs. Brian Fenech**" fuq citata, din il- Qorti tifhem u tissimpatizza hafna mall-Qrati tal-Magistrati li ovvjament dejjem ikunu taht pressjoni konsiderevoli ta' xoghol u jkunu jridu bir-ragun iwettqu l-programm ta' xoghol taghhom fis-seduti taghhom w tapprezza ukoll li l-Qrati ta' sikwiet isibu l-pjanijiet u l-programmi taghhom ta' xoghol frustrati bin-nuqqas ta' attendenza puntwali ta' imputati , xhieda jew avukati . Pero', fid-dawl tal-gurisprudenza fuq citata, ladarba kien jidher evidenti li l-appellant odjern kellu l-avukat tieghu, l-Ewwel Qorti wara li korrettement ipposponiet il- kawza ghall-aktar tard, meta regghet issejhet il-kawza w l-avukat tal-appellant baqa' ma deherx, kien imissha jew ordnatlu li jsib avukat iehor u, jekk dan ma kienx possibbli ghall- appellant, li tappuntalu hi stess avukat iehor . Peress li dan ma sarx, din il-Qorti m'ghandhiex alternattiva ohra hlief li jkollha tannulla s-sentenza appellata.'*

Naraw ukoll li fir-rigward ta' assistenza legali ta' persuna li qed tiffaċċja *criminal charge* jew il-possibilta' ta' piena karċerarja insibu li ingħad dan mill-Qorti Ewropeja fl-ismijiet the **Case of Benham vs The United Kingdom**[21]**.** Hawn dik il-Qorti kienet qed titratta l-ksur ta' l-artikolu 6 (3)(c) magħdud ma' dak li jgħid l-artikolu 6(1)[22] ilkoll tal-Konvenzjoni

*"1. Applicability*

*54. The applicant, with whom the Commission agreed, argued that the proceedings before the magistrates involved the determination of a criminal charge for the purposes of Article 6 para. 3 (c) (art. 6-3-c). He referred to the facts that what was in issue was not a dispute between individuals but rather liability to pay a tax to a public authority, and that the proceedings had many "criminal" features, such as the safeguards available to defendants aged under 21, the severity of the applicable penalty and the requirement of a finding of culpability before a term of imprisonment could be imposed. Furthermore, it was by no means clear that the proceedings were classified as civil rather than criminal under the domestic law.*

[21] Application 19380/92 deċiża 10/06/96

[22] In the determination of his civil rights and obligations or of any criminal charge against him, everyone is entitled to a fair ... hearing ... by [a] ... tribunal ..."

*55. The Government argued that Article 6 para. 3 (c) (art. 6-3-c) did not apply because the proceedings before the magistrates were civil rather than criminal in nature, as was borne out by the weight of the English case-law. The purpose of the detention was to coerce the applicant into paying the tax owed, rather than to punish him for not having paid it.*

*56. The case-law of the Court establishes that there are three criteria to be taken into account when deciding whether a person was "charged with a criminal offence" for the purposes of Article 6 (art. 6). These are the classification of the proceedings under national law, the nature of the proceedings and the nature and degree of severity of the penalty (see the Ravnsborg v. Sweden judgment of 23 March 1994, Series A no. 283-B).*

*As to the first of these criteria, the Court agrees with the Government that the weight of the domestic authority indicates that, under English law, the proceedings in question are regarded as civil rather than criminal in nature. However, this factor is of relative weight and serves only as a starting-point (see the Weber v. Switzerland judgment of 22 May 1990, Series A no. 177, p. 17, para. 31).*

***The second criterion, the nature of the proceedings, carries more weight. In this connection, the Court notes that the law concerning liability to pay the community charge and the procedure upon non-payment was of general application to all citizens, and that the proceedings in question were brought by a public authority under statutory powers of enforcement. In addition, the proceedings had some punitive elements. For example, the magistrates could only exercise their power of committal to prison on a finding of wilful refusal to pay or of culpable neglect.***

***Finally, it is to be recalled that the applicant faced a relatively severe maximum penalty of three months' imprisonment, and was in fact ordered to be detained for thirty days (see the Bendenoun v. France judgment of 24 February 1994, Series A no. 284, p. 20, para. 47).***

***Having regard to these factors, the Court concludes that Mr Benham was "charged with a criminal offence" for the purposes of Article 6 paras. 1 and 3 (art. 6-1, art. 6-3). Accordingly, these two paragraphs of Article 6 (art. 6-1, art. 6-3) are applicable****.*

*2. Compliance*

*57. The applicant submitted that the interests of justice required that he ought to have been represented before the magistrates. He referred to the facts that lay magistrates have no legal training and in this case were required to interpret quite complex regulations. If he had been legally represented the magistrates might have been brought to appreciate the error that they were about to make. He asserted, further, that the Green Form and ABWOR*

*schemes which were available to him (see paragraphs 29 and 30 above) were wholly inadequate.*

*58. The Government contended that the legal-aid provision available to Mr Benham was adequate, and that the United Kingdom acted within its margin of appreciation in deciding that public funds should be directed elsewhere.*

*59. For the Commission, where immediate deprivation of liberty was at stake the interests of justice in principle called for legal representation.*

*60. It was not disputed that Mr Benham lacked sufficient means to pay for legal assistance himself. The only issue before the Court is, therefore, whether the interests of justice required that Mr Benham be provided with free legal representation at the hearing before the magistrates. In answering this question, regard must be had to the severity of the penalty at stake and the complexity of the case (see the Quaranta v. Switzerland judgment of 24 May 1991, Series A no. 205, pp. 17-18, paras. 32-38).*

***61. The Court agrees with the Commission that where deprivation of liberty is at stake, the interests of justice** in **principle call for legal representation** (see the above-mentioned Quaranta judgment p. 17, para. 33). In this case, Mr Benham faced a maximum term of three months' imprisonment.*

*62. Furthermore, the law which the magistrates had to apply was not straightforward. The test for culpable negligence in particular was difficult to understand and to operate, as was evidenced by the fact that, in the judgment of the Divisional Court, the magistrates' finding could not be sustained on the evidence before them.*

*63. The Court has regard to the fact that there were two types of legal-aid provision available to Mr Benham. Under the Green Form scheme he was entitled to up to two hours' advice and assistance from a solicitor prior to the hearing, but the scheme did not cover legal representation in court (see paragraph 29 above). Under the ABWOR scheme, the magistrates could at their discretion have appointed a solicitor to represent him, if one had happened to be in court (see paragraph 30 above). However, Mr Benham was not entitled as of right to be represented.*

***64. In view of the severity of the penalty risked by Mr Benham and the complexity of the applicable law, the Court considers that the interests of justice demanded that, in order to receive a fair hearing, Mr Benham ought to have benefited from free legal representation during the proceedings before the magistrates. In conclusion, there has been a violation of Article 6 paras. 1 and 3 (c) of the Convention taken together (art. 6-1+6-3-c).*** (tipa ġrassa enfasi ta' din il-Qorti)

Fuq l-istess tematika fid-deċiżjoni ta' l-istess Qorti Ewropeja fl-ismijiet **Case of Quaranta vs Switzerland**[23] sar dan l-analiżi:

*"I. ALLEGED VIOLATION OF ARTICLE 6 para. 3 (c) (art. 6-3-c)*

*26. The applicant complained that the President of the Vevey District Criminal Court had twice refused his application for free legal assistance in the proceedings before that court. He relied on Article 6 para. 3 (c) (art. 6-3-c) of the Convention, which is worded as follows:*

*"3. Everyone charged with a criminal offence has the following minimum rights:*

*...*

*(c) to defend himself in person or through legal assistance of his own choosing or, if he has not sufficient means to pay for legal assistance, to be given it free when the interests of justice so require;*

*... . "*

*27. The Court points out that the right of an accused to be given, in certain circumstances, free legal assistance constitutes one aspect of the notion of a fair trial in criminal proceedings (see the Artico judgment of 13 May 1980, Series A no. 37, p. 15, para. 32). Sub-paragraph (c) of Article 6 para. 3 (art. 6-3-c) attaches two conditions to this right. The first, lack of "sufficient means to pay for legal assistance", is not in dispute in the present case. On the other hand, it is necessary to determine whether the "interests of justice" required that the applicant be granted such assistance.*

*28. The Commission observed that even if the refusal of the President of the Criminal Court, during the investigation (see paragraph 9 above) and then prior to the hearing (see paragraph 11 above), was in conformity with Swiss law and practice, it did not necessarily follow that the criteria applied by the national authorities were decisive for the purposes of the Convention; it considered that in the present case the "interests of justice" required that the applicant be accorded free legal assistance both during the investigation and before the Vevey District Criminal Court.*

*29. The Government disputed that view. In their contention Article 6 para. 3 (c) (art. 6-3-c) does not provide a higher level of protection than the guarantees which the Federal Court has inferred from Article 4 of the Federal Constitution. They argued that the right to free legal assistance was not absolute, but depended on the assessment of all the circumstances of the case and was subject to a number of conditions which were substantially the same in federal law and in the law of the various*

[23] Applicartion no 12744/87 deċiża 24th May, 1991.

*cantons. The Vaud legislation provided for the right to free legal assistance in criminal proceedings and made the grant of such assistance subject to certain conditions; Article 104, 2nd paragraph, of the Vaud Code of Criminal Procedure recognised such a right, inter alia, "when the needs of the defence so require" (see paragraph 18 above). The Government stressed that sub-paragraph (c) of Article 6 para. 3 (art. 6-3-c) of the Convention was drafted in similar terms. They considered nevertheless that the Court had had few opportunities to define the notion of "interests of justice" and that its case-law in this field lacked clarity. Should the Court confirm the Commission's opinion, the Government invited it to specify expressly in what way the judicial authorities had infringed Article 6 para. 3 (c) (art. 6-3-c).*

*30. On several occasions the Court has observed that the Contracting States enjoy considerable freedom in the choice of the means of ensuring that their legal system satisfies the requirements of Article 6 (art. 6). Its task is to determine whether the method chosen by them in this connection leads to results which, in the cases which come before it, are consistent with the requirements of the Convention.*

*31. As the Government emphasised, in rejecting Mr Quaranta's application the cantonal and federal authorities relied on specific considerations such as the fact that there were no special difficulties arising from the case, the fact that no representative of the prosecuting authority attended the first-instance hearing, the applicant's character, the shortness of his detention on remand and the penalty which he risked incurring.*

*32. In order to determine whether the "interests of justice" required that the applicant receive free legal assistance, the Court will have regard to various criteria. To a large extent they correspond to those put forward by the Government. However, the way in which the Swiss authorities appear to apply them may differ - and in the present case did differ - from the Court's approach.*

*33. In the first place, consideration should be given to the seriousness of the offence of which Mr Quaranta was accused and the severity of the sentence which he risked. He was accused of use of and traffic in narcotics and was liable to "imprisonment or a fine" (section 19 para. 1 of the 1951 Act - see paragraph 19 above).*

*According to the Government, there was nothing in the file to indicate that the Criminal Court was likely to impose a sentence exceeding eighteen months, the maximum for a suspended sentence. By sentencing the applicant to six months' imprisonment, the court did not reach this limit, even if the sentence imposed in 1982 is taken into account (see paragraph 8 above).*

*The Court notes however that this was no more than an estimation; the imposition of a more severe sentence was not a legal impossibility. Under section 19 para. 1 of the Federal Misuse of Drugs Act, in conjunction with*

*Article 36 of the Swiss Criminal Code, the maximum sentence was three years' imprisonment (see paragraph 20 above). In the present case, free legal assistance should have been afforded by reason of the mere fact that so much was at stake.*

*34**. An additional factor is the complexity of the case. The Court agrees with the Government that the case did not raise special difficulties as regards the establishment of the facts, which the applicant had moreover admitted immediately at his only examination by the investigating judge. However, the outcome of the trial was of considerable importance for the applicant since the alleged offence had occurred during the probationary period to which he was made subject in 1982 (see paragraph 8 above). The Criminal Court therefore had both to rule on the possibility of activating the suspended sentence and to decide on a new sentence. The participation of a lawyer at the trial would have created the best conditions for the accused's defence, in particular in view of the fact that a wide range of measures was available to the Court**.*

*35. Such questions, which are complicated in themselves, were even more so for Mr Quaranta on account of his personal situation: a young adult of foreign origin from an underprivileged background, he had no real occupational training and had a long criminal record. He had taken drugs since 1975, almost daily since 1983, and, at the material time, was living with his family on social security benefit.*

*36. In the circumstances of the case, his appearance in person before the investigating judge, and then before the Criminal Court, without the assistance of a lawyer, did not therefore enable him to present his case in an adequate manner.*

*37. This defect was not cured either in the Criminal Court of Cassation of the Canton of Vaud, despite the presence of a lawyer paid by the applicant, or in the Federal Court, although he was accorded free legal assistance before that court, because of the limits on the scope of the review which may be carried out by those two courts (see, as the most recent authority, mutatis mutandis, the Weber judgment of 22 May 1990, Series A no. 177, p. 20, para. 39).*

*38. In conclusion, there has been a violation of Article 6 para. 3 (c) (art. 6-3-c)." (tipa ġrassa enfazi tal-Qorti)".*

Ikkunsidrat:

Kif jidher mix-xhieda tar-rikorrenti quddiem din il-Qorti, r-rikorrenti informa lill-Ewwel Qorti li l-avukat tiegħu ma kienx preżenti u għalkemm ir-rikorrent igħid li kien lest li jispjega dak li kien okkorra, ukoll li kien lest jagħmel il-bqija tas-siegħat biex ikun in konformi ma' l-Ordni ta' Servizz fil-Komunita', jgħid li l-Qorti ma ħallitux.

Iżid ukoll li ġie kkundannat sena ħabs għax kien deher waħdu u ma seta' juru jew agħmel xejn darba mhux assistit. (seduta 9 ta' Gunju, 2023**, quddiem din il-Qorti).**

Jidher li qed jagħmel referenza wkoll, meta igħid li l-Qorti ma ħallitux jixhed, għal dak li hemm verbalizżat mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-seduta tas-27 ta' Novembru, fejn ġie reġistrat illi hu fil-mori, bejn is-sentenza ta' l-ewwel Qorti u s-smiegħ ta' l-Appell, kien għamel is-siegħat nieqsa, ukoll li l-Qorti wara li kkunsidrat li dan kien fatt li okkorra wara l-għoti tas-sentenza appellata, ma semgħetx lanqas il-probation officer dwar l-istess.

Ikkunsidrat ulterjorment:

Jirriżulta ben ċar ukoll is-segwenti; illi quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali Jason Zammit xehed **minn jeddu**, mhux assistit, fis-seduta tal-11 ta' Lulju, 2019. Hemm il-Qorti, u dan jirriżulta ben sew mill-verbal[24], uriet biċ-ċar li kienet se tħalli l-kawża għas-sentenza wara li kkunsidrat u vverbalizżat, li kienet ġia estendit l-Ordni ta' Servizz fil-Komunita' minn sentejn għal tlett snin. Iddiferit il-kawża għas-sentenza għall-24 ta' Settembru, 2019.

Pero' f'dan id-differiment il-Qorti ma tat ebda sentenza u ddifferit għall-istess skop għas-27 ta' Novembru, 2019[25]. F'din id-data ġara s-segwenti, u dan huwa ġustament ta' import kif sew issenjala l-Avukat Ġenerali;

*"Dr.Anton Refalo jiddikjara illi min meta l-kawża marret għas-sentenża l-imputat kompla s-siegħat li kellu jagħmel u baqagħlu biss jagħmel tmintax (18) -il siegħa xogħol fil-komunita'."*

[24] Folio 207
[25] Folio 213

Il-Qorti għaddiet biex tagħti s-sentenza.

Ma tistax din il-Qorti pero' ma tinnutax li nonotante l-interazzjoni fil-konversazzjoni li saret bejn Zammit u l-ewwel Qorti, meta r-rikorrenti kien qed jispjega li l-avukat tiegħu kien imsiefer, **waħda indesiderabbli għall-aħħar**, li ma sar ebda rikors għal differiment mill-istess avukat dwar dan nonostante li kien saput li r-rikorrenti ma kienx obda għal aktar minn darba l-ordni tal-Qorti. Di piu' lanqas ma ndenja li fil-mori tad-differiment bejn l-aħħar seduta, fejn xehed u dik li fiha ngħatat s-sentenza, fis-27 ta' Novembru, xejn anqas minn **erbgħa xhur** wara, li jagħmel rikors biex tiġi sospiża l-prolazzjoni tas-sentenza. Lanqas fl-stess seduta tas-27 ta' Novembru qabel ma ngħatat is-sentenza ma sar sforz biex il-Qorti tissospendi l-prolazzjoni tas-sentenza u tisma' għaliex wara tant opportunitajiet l-ordni tagħha tas-27 ta' Jannar 2016 baqgħet ma ġietx obduta *in toto*. **U hawn Jason Zammit kien ben assistit**. U dan ukoll nonostante għal dak li kien xehed l-istess denunzjat Zammit dwar diffikultajiet mediċi tiegħu li suppost żammewh milli jkomppli s-siegħat ta' xogħol fil-komunita' li kien ordnat jagħmel. Jingħad ukoll li għajr għal attentat dgħajjef dwar dan mid-denunzjat li semma kemm kien qed jieħu *"pinuri" ut sic. Recte* pinolli ma nġabet ebda tip ta' prova oħra.

Għalkemm il-Qorti tħaddan l-insenjamenti ġurisprudenżjali riferuti, ma tarax li l-aħjar interess tal-ġustizzja huwa servut billi tħalli minn nonkuranti fl-imġieba tiegħu u f'għemilu jirrikorri issa għal dan l-ilment straordinarju fejn jixli lill-Qrati bi ksur tad-Drittijiet Fundamentali tiegħu, aktar u aktar meta hu ngħata u kellu kull opportunita' li jressaq il-vertenza tiegħu relatata mal-ksur ta' l-Ordni ta' Servizz fil-Komunita'. Il-fatt li għażel hu li jixhed, il-fatt li m'għamel xejn f'xhur sħaħ biex jirrimedja s-sitwazzjoni tiegħu minn differiment għal ieħor nonstante li kellu l-assistenza ta' l-avukat tax-xelta tiegħu, ukoll darba li kien ben konsapevoli u ċar għalih x'seta' kienu l-konsegwenżi tal-ksur, ma jwassalx għas-suċċess tal-lanjanza tiegħu. Il-Qorti ma ssibx, meħuda ċ-ċirkostanzi kollha tal-kaz, u l-andament tal-proċeduri kollha li la l-ewwel Qorti u lanqas dik ta' l-Appell ma vvjolaw ebda dritt tar-rikorrenti. Il-Qorti ta' l-Appell anzi, għalkemm ma semgħetx lill-appellant Zammit jikkonferma li fil-mori kien ħadem it-tmintax-il siegħa mankanti,

rreġistrat l-istess, għalkemm ħadet ukoll in konsiderazzjoni li dawn ma setgħux jinċidu fuq is-sentenza appellata'.[26] Xejn minn din il-kunsiderazzjoni hekk magħmula ma tkisser jew tivvjola ebda dritt vantat mir-rikorrenti, appell isir minn dak kkunsidrat u deċiż mill-ewwel Qorti. U dan l-appell kien minn sentenza li fiħa kienet ġiet mogħtija l-opportunita' ta' Ordni Ta' Servizz fil-Komunita' f'ammont ta' siegħat determinati u fi żmien stabbilit. Ordni li ġiet repetutament miksura.

**Għaldaqstant din il-Qorti ma ssibx li kien hemm leżjoni tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u tal-Artikolu 6 (3) tal-Konvenzjoni.**

**It-tieni ilment tar-rikorrent – li kien hemm vjolazzjoni tal-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni u Artikolu 3 tal-Konvenzjoni.**

Ir-rikorrent qieghed jilmenta li l-piena kienet sproporzjonata u li ghalhekk kien hemm trattament inuman u degradanti. L-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni jghid illi –

*Hadd ma għandu jkun assoġġettat għal piena jew trattament inuman jew degradanti.*

Illi mill-banda l-ohra l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni jgħid –

*No one shall be subjected to torture or to inhuman or degrading treatment or punishment.*

Kif qalet il-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza **Alfred Degiorgio et vs Avukat Generali et** deċiża fil-5 ta' April 2013 -

*"L-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 36 tal- Kostituzzjoni jittrattaw minn tipi differenti ta' mġieba projbita li kull waħda minnhom tirrifletti grad ta' severita` wieħed ikbar mill-ieħor. L-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni jsemmi it-tortura, it-trattament inuman u t-trattament degradanti waqt li l-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni jsemmi biss it-trattament inuman u*

[26] Ara verbal 233 Atti Appell.

*degradanti. Dan ma jfissirx li ma hemmx protezzjoni minn tortura taħt l-Artikolu 36 tal- Kostituzzjoni għaliex it-tortura ċertament dejjem u f'kull każ tammonta tal-anqas għal trattament inuman u degradanti.*

*26. Sabiex trattament jaqa' fil-parametri tal-Artikolu 3 jeħtieġ li dak it-trattament jilħaq minimu ta' severita` li l- apprezzament tiegħu huwa neċessarjament wieħed relattiv li jiddependi miċ-ċirkostanzi kollha tal-każ bħan- natura tat-trattament, il-kuntest tiegħu, il-mod ta' esekuzzjoni, id-durata, l-effetti fiżiċi u morali, u f'ċerti ċirkostanzi jistgħu jkunu wkoll relevanti is-sess, eta`, u stat ta' saħħa tal-vittma. B'danakollu, is-sofferenza u l- umiljazzjoni involuta biex taqa' fil-parametri tal-Artikolu 3 msemmi jridu jmorru oltre dak l-element ta' sofferenza u umiljazzjoni neċessarjament allaċċjati ma' xi forma partikolari ta' trattament leġittimu jew piena. Miżuri li jneħħu l-liberta` tal-persuna ta' spiss jinvolvu elementi bħal dawk imsemmija iżda, minkejja dan, il-modalita` tal- esekuzżjoni ta' miżura leġittima ma għandhiex tas-soġġetta lill-persuna għal tbatija ta' intensita` tali li teċċedi dak il-livell inevitabbli ta' sofferenza inerenti f'dik il- miżura.*

*27. Trattament jitqies inuman meta tal-anqas jikkaġuna lill-persuna sofferenza fiżika jew psikika intensa anki jekk mingħajr ma jikkaġuna xi feriti jew offiżi fuq il-ġisem. Dan it-trattament ikun ukoll degradanti jekk ikun tali li jqajjem f'dak li jkun sentimenti ta' biża', angoxxia u sens ta' inferjorita` li jumiljaw u jiddenigraw lil dak li jkun saħansitra sakemm possibilment jabbattu r-reżistenza fiżika jew morali tiegħu. Dak li imbgħad jiddistingwi t-tortura minn trattament inuman jew degradanti huwa l-grad ta' intensita` akbar tas-sofferenza li tiġi inflitta fit-tortura karatterizzata b'għemil deliberat li jikkaġuna sofferenza mill-aktar serja u kiefra. Minbarra l-element tal-grad sever tas-sofferenza kkaġunata element ieħor li ġie identifikat bħala karatteristiku tat-tortura huwa l-fatt li t- tortura tiġi inflitta bil-għan li jintlaħaq għan preċiż bħal li tiġi akkwistata xi informazzjoni, jew biex tippenalizza jew tintimida lil xi ħadd."*

Insibu fir-rigward ta' l-artikolu 3 tal-Konvenzjoni li *"Generally, a sentence for conviction of a criminal offence will not be reviewed under article 3. Instead the kind of sentence imposed for a particular offence or*

*the length of a term of imprisonment is left to the national courts.*[27] *. However, in Vinter and Others vs the U.K. the Grand Chamber stated that a grossly disproportionat sentence would violate article 3. The Grand Chamber added that 'gross disporportionality is a strict test that will only be met on rare and unique occassions"* **(Law of the European Convention On Human Rights- D.J.Harris, M.O'Boyle, E.P.Bates, and C.M. Buckley 4th Edition** page 258**).** Fil-fatt insibu li fil-kaz ta' **Vinter** imsemmi din l-isproporzjonalita' instabet meta applikanta kienet qed tinkorri r-riskju li darba deportata lejn l-Iran, l-Istat nazzjonali tagħha, hi kienet darba misjuba ħatja ta' adulterju tkun suġġetta għal piena li tiġi mħaġġra sal mewt. Din l-isproporżjonalita' ġiet anke misjuba f'każijiet ta' piena ta' għomor ħabs mingħajr possibilta ta' *"...prospect of release for the prisoner and possibility of review..."*[28]

Illi f'dan il-każ dak li ġara kien tort unikament ir-rikorrent li fl-aħħar mill-aħħar ingħata din il-piena ta' sena ħabs. Il-Qrati diġa kienu wrew ċerta ħniena lejn ir-rikorrent u minflok tawh piena karċerarja kienu ordnaw li jagħmel mitejn (200) siegħa bħala servizz fil-komunita'. Minbarra dan il-qorti kienet ukoll tat estensjoni sabiex ir-rikorrent jispiċċa dawn is-siegħat, iżda dan ma sarx. Għalhekk hija kompletament ħtija tiegħu illi fl-aħħar il-Qorti tal-Maġistrati tat sentenza fejn tagħtu piena ta' sena ħabs effettivi. Din is-sentenza kienet anke kkonfermata mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali. Ir-rikorrent ma jistax issa, tenut kont ta' għemielu, b'dawn il-proċeduri jipprova jsostni li b'din il-piena huwa sofra trattament inuman u degradanti. Din il-piena hija totalment konsegwenza għal-agir negligenti tieghu. Kienet piena prevista u ċara jekk l-ordni ta' servizz ma kienetx kompleta. It-tul tal-piena, sakemm waħda maħsuba mill-liġi, ma jġib u għandha ebda waħda mill-effetti estremi deskritti *supra* li jwasslu għal vjolazzjoni vantata.

Il-Qorti se terġa tagħmel referenza mill-ġdid għal kunsiderazzjonijiet li għamlet il-Qorti ta' l-Appell Kriminali fuq it-tul u n-natura tal-piena nflitta fuq id-denunzjat mill-ewwel Qorti mhux biex tirrepeti imma biex turi kemm xejn mill-piena nflitta ma ġġib l-isproporzjon lamentat:

[27] Vinter and others vs U.K. par 104 G.C.
[28] Hutchinson vs U.K ukoll Vinter vs Others

*"Illi t-<u>tieni aggravju</u> tal-appellant huwa li dan il-każ ma kienx jimmerita piena ta' priġunerija ta' sena imma l-multa. Jgħid li hemm diversi fatturi li jimmilitaw favur din it-teżi u li lewwelnett fl-ewwel sena kien hemm ċirkostanzi li fuqhom la kellu kontroll hu, la l-Uffiċjal tal-Probation u lanqas Heidi Grech tal-Government Experimental Farm tant li l-perjodu kellu jiġi estiż b'sena. Jisħaq li fl-għeluq tal-estensjoni ta' din is-sena hu kien baqagħlu biss ħamsa u ħamsin siegħa waqt li fis-27 ta' Novembru 2019 kien baqagħlu x'jaħdem tmintax-il siegħa. Jgħid li beda jbati bil-pressjoni u waqt id-depożizzjoni tiegħu qal li ma kienx qed iħossu sew u ma setax jagħmilhom. Jgħid li huwa ħallas dak kollu li kellu jagħti lill-parte civile u li tenut kont ta' dan kollu lEwwel Qorti messha għażlet li timponi l-multa.*

*Illi din il-Qorti tinnota li huwa bil-wisq evidenti illi meta l-Ewwel Qorti tat is-sentenza oriġinali tagħha fis-27 ta' Jannar 2016 fejn ikkundannat lill-appellant jagħmel xogħol fil-komunita' bla ħlas għal mitejn (200) siegħa u meta kkundannatu wkoll sabiex iħallas lill-parte civile s-somma ta' ħdax-il elf u tnax il-Euro u ħamsa u għoxrin ċenteżmu (€11,012.25) fi żmien sitt (6) xhur mid-data tassentenza li tat lill-appellant opportunita' tad-deheb u dan sabiex jiġi evitat li jingħata sentenza ta' priġunerija.*

*Illi rriżulta li kien hemm mumenti fejn l-appellant ma kellu ebda tort għad-dewmien sabiex jaderixxi max-xogħol fil-komunita' u dan kif imsemmi aktar 'il fuq f'din is-sentenza <u>pero</u>' jibqa' l-fatt li spiċċat saret denunzja da parte tal-Uffiċjal tal-Probation u minkejja li s-sentenza oriġinali ngħatat mill-Ewwel Qorti fis-27 ta' Jannar 2016 sa għal tal-anqas il-11 ta' Lulju 2019 (u ċioè aktar minn tliet snin wara) huwa baqa' ma ħadimx is-siegħat kollha bla ħlas li kellu jagħmel fil-komunita'. Minkejja r-raġunijiet imsemmija millappellant meta ta d-depożizzjoni tiegħu quddiem l-Ewwel Qorti, huwa ma ressaq ebda provi konkreti (inkluż dokumentarji) li jikkorroboraw dak li kien qed jgħid u dan apparti dak li ngħad aktar 'il fuq fil-konsiderazzjonijiet dwar l-ewwel aggravju, li fl<u>ebda</u> mument ma l-Ewwel Qorti ntalbet li tissospendi l-prolazzjoni tas-sentenza.*

*<u>Illi l-kondizzjonijiet mogħtija mill-Qrati qegħdin hemm biex jiġu osservati u mhux biex jiġu mġebbda qishom lastiku</u>. L-appellant kellu jkun grat li fis-sentenza oriġinali tagħha l-Ewwel Qorti kkundannatu jagħmel xogħol bla ħlas fil-komunita'. Mhux talli lappellant wera li ma kienx grat, talli anqas ra kif jagħmel biex jaħdem is-siegħat kollha li ġie kkundannat jaħdem bla ħlas fil-komunita'.*

*Illi din il-Qorti tinnota wkoll li minn dakinhar li ġiet ippreżentata d-denunzja quddiem l-Ewwel Qorti fit-23 ta' Jannar 2019 (ċioè tliet snin wara s-sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti) sas-seduta tal-11 ta' Lulju 2019, l-appellant kien għadu ma ħadimx is-siegħat kollha li kien ġie kkundannat jaħdem. Kif qalet ben tajjeb lEwwel Qorti fis-sentenza appellata: "Din il-Qorti tagħmilha ċara li lkundizzjonijiet imposti mill-Qrati meta tiġi mogħtija sentenza għandhom dejjem jiġu osservati ad litteram u skrupolożament u ma għandux jingħata lok għal kavillar żejjed fl-interpretazzjoni tagħhom meta jkunu ċari u kategoriċi, kif inhi l-kundizzjoni fis-sentenza fuq imsemmija fejn l-imputat kellu jagħmel numru ta' siegħat bħala servizz fil-komunita', liema siegħat ta' xogħol ma twettqux mhux biss fiż-żmien mogħti lilu oriġinarjament imma anke meta kien estiż iż-żmien biex limputat ikun jista' jwettaq il-kumplament tas-siegħat li kien għad fadallu jagħmel."*

*Illi din il-Qorti tqis li f'dan il-każ ma kienx jimmerita li l-appellant jiġi kkundannat iħallas ammenda ta' mhux iżjed minn mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) kif isostni l-istess appellant. In fatti, tenut kont taċ-ċirkostanzi u minħabba r-raġunijiet imsemmija aktar 'il fuq f'din is-sentenza, din il-Qorti tqis li l-Ewwel Qorti kienet korretta meta fis-sentenza appellata għaddiet biex tagħti lill-appellant il-piena skont il-liġi fir-rigward ta' dak li kien ġie misjub ħati tiegħu fis-sentenza tas27 ta' Jannar 2016. Dwar din il-piena ma tantx hemm wisq x'jingħad meta jiġi kkunsidrat li fis-sentenza tas-27 ta' Jannar 2016 (a fol. 189 et seq.) l-appellant ġie misjub ħati ta' dak li kien oriġinarjament ġie akkużat bih li kien jinkludi wkoll ir-reċidiva ai termini ta' Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. B'hekk it-tieni aggravju tal-appellant qed ikun miċħud ukoll."*

Illi għalhekk għal din il-Qorti huwa ċar li l-piena li minnha qiegħed jilmenta r-rikorrent ma tinkwadrax fil-parametri ta' ebda wieħed mill-aġir elenkat fl-Artikolu 3 u lanqas fl-ebda wieħed mill-aġir elenkati fil-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni. Ma ġiex ppruvat li din il-piena kkaġunat grad ta' sofferenza jew kefrija fil-grad neċessarju sabiex jikkwalifika bħala trattament inuman u wisq anqas bħala tortura. Lanqas me ġie ppruvat li din il-piena ħolqot sentimenti ta' biża, angoxxia u sens ta' inferjorita' li jumiljaw jew jiddenigraw ir-rikorrent u dan a differenza ta' sens ta' xokk u skumdita' jekk mhux ukoll stigma soċjali li piena karċerarja tista' toħloq fir-riċevent tagħha. Il-boun sens juri li kull piena karċerarja tħalli tgħoma qarsa fir-riċevent, b'daqshekk pero' ma tillediex l-artikoli mressqa mir-rikorrenti. Oltre dan, kif sew ikkunsidrat il-Qorti tal-Appell Kriminali, ir-rikorrenti ma setax bl-aġir tiegħu jiġbed lejh aktar mitigazzjoni tal-piena għax ħela kull opportunita' li ġiet mogħtija lilu mill-Ewwel Qorti.

Għal kompletezza ta' l-argument jingħad ukoll illi s-sentenza tal-Qorti Ewropeja ċitata mir-rikorrenti fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom in konsiderazzjoni ta' dan l-ilment u ċioe' dik ta' **Harkins and Edwards vs U.K.** [29] kienet titratta konsiderazzjonijiet ta' *Death Penalty* ukoll ta' *Life Sentence without Parole*, estremitajiet ta' piena mhux relevanti jew konnessi għal każ in eżami.

**Illi għaldaqstant din il-Qorti ma ssib l-ebda leżjoni tal-Artikoli 3 tal-Konvenzjoni jew tal-Artikolu 36 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.**

[29] Application 9146/07

**Konsegwentement taqta' u tiddeċiedi billi fil-parametri ta' dak premess tiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrenti Jason Zammit bl-ispejjeż inkorsi kollha minnu u fl-istess ħin tilqa' l-eċċezzjonijiet ta' l-intimati ħlief għat-tieni eċċezzjoni kif fuq premess.**

**Onor.Imħallef Dr. Miriam Hayman LL.D.**

**Maraya Aquilina.**
**Deputat Registratur**